

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Jessika ROSWALL****Ambjent, Reżiljenza tal-Ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Jien u nikber fl-Iżvezja tas-sebgħinijiet u tat-tmeninijiet, l-UE spiss kienet tinħass 'il bogħod. Ma nafx hux minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna fil-periferija tal-kontinent flimkien mal-istorja li naraw lilna nfusna bħala mhux allinjati u indipendenti, iżda qatt ma kienet ċertezza li xi darba l-Iżvezja se tissieħeb fl-Unjoni. Madankollu, fil-bidu tas-snin disgħin, bħala studenta żagħżuġha u involuta fil-politika ħadt sehem fil-kampanja biex l-Iżvezja ssir Stat Membru, mhux biss għax kont konvinta mill-benefiċċji ekonomiċi li sħubija ġġib magħha iżda wkoll għax kont naf li l-Iżvezja kienet tappartjeni fil-proġett Ewropew. Minħabba li hi bbażata fuq il-prinċipju ta' aċċess miftuħ, il-libertà u d-dinjità tal-bniedem, l-UE rrappreżentat l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tiegħi u l-futur li ridna għal uliedna.

Għadni niftakar dak iż-żmien b' mod ċar: id-diskussjonijiet id-dar, id-dibattiti fl-iskejjel u l-laqgħat maċ-ċittadini li kienu jsiru fis-swali tar-raħal u fil-pjazez madwar il-pajjiż. L-aktar ħaġa li niftakar hu s-sens ta' kburiya enormi li ħassejt meta fl-aħħar l-Iżvezja saret Stat Membru. Ma nistax naħseb f'unur akbar milli nibqa' ngħin bħala Kummissarju biex jissaħħaħ il-futur komuni Ewropew.

Bħala omm u nanna kburiya, qed niffoka dejjem aktar fuq liema Unjoni se nħallu f'idejn il-ġenerazzjoni li jmiss. Huma ħafna l-isfidi għas-sigurtà, il-prosperità u n-natura tagħna li niddependu fuqhom għall-benesseri tagħna. Però konvinta wkoll li għandna s-saħħa kollettiva li negħlbu dawk l-isfidi jekk naħdmu flimkien.

Bħala Ministru għall-Affarijiet tal-UE waqt il-Presidenza Żvediża tal-Kunsill fl-2023, kont inkarigata li nippromwovi Ewropa aktar ekoloġika, sigura u prospera. Li ngħin fit-tmexxija tal-Unjoni waqt perjodu ta' inċertezza bla preċedent kienet iebes u ta' sodisfazzjon fl-istess ħin, u ninsab kburiya bir-rwol li stajt naqdi biex nibqgħu nagħtu l-appoġġ tagħna lill-Ukrajna, biex il-kompetittività tingħata prijorità fl-aġenda, u biex jintlaħaq ftehim dwar partijiet sostanzjali tal-Pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %".

Ftit ġimgħat ilu, bħala Kummissarju nnominat, il-President von der Leyen inkarigatni b'portafoll li jolqot ħajjet l-Ewropej kollha. Kif qalet il-President fl-ittra tal-missjoni tiegħi, "il-ħarsien tal-klima u tan-natura huwa kruċjali għall-prosperità u s-saħħa." Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se nikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi kemm bħala Kummissarju għall-Ambjent u għar-Reżiljenza tal-Ilma u għal Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, kif ukoll billi nkun membru attiv, kollaborattiv u impenjat tal-Kulleġġ. Ftit huma l-oqsma tal-politika li jinfdi l-acquis tal-Unjoni aktar minn dawn. Għalhekk, il-kooperazzjoni mill-qrib ma' membri oħra tal-Kulleġġ se tkun essenzjali — virtù li nittama, u nemmen, li wrejt biċ-ċar tul il-karriera politika tiegħi.

Bħala Kummissarju, nagħmel enfasi qawwija fuq il-komunikazzjoni dwar l-Ewropa liċ-ċittadini fuq il-post, kemm fil-portafoll tiegħi kif ukoll lil hinn minnu. Għalhekk, nistenna bil-ħerqa li nżur l-Istati Membri kollha u ħafna reġjuni, u li ninvolvi ruħi b' mod attiv mas-sħab internazzjonali tagħna — b' mod partikolari fil-kuntest tal-Qafas

Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u t-Trattat Globali dwar il-Plastik. F'konformità mal-għan tal-Kummissjoni li ssaħħa ir-rwol ġeopolitiku tal-Ewropa, se nistinka wkoll biex niżgura li l-UE tieħu rwol ta' tmexxija fil-governanza ambjentali globali, b'mod partikolari rigward il-politiki għall-protezzjoni tal-bijodiversità, ir-reżiljenza tal-ilma, u l-ekonomija ċirkolari, u b'hekk nikkontribwixxi kemm għall-kompetittività globali kif ukoll għas-sostenibbiltà ambjentali.

Bħala Kummissarju, inkompli bil-ħidma importanti tagħna dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-involvement taż-żgħażaġh, li huma kwistjonijiet li fihom il-Parlament wera ħila ta' tmexxija kbira. Kif enfasizzat mill-Programm tan-NU għall-Ambjent u l-Forum Globali tal-OECD dwar l-Ambjent, il-bidliet ambjentali jħallu impatti speċifiċi għall-ġeneru. Għalhekk, kif meħtieġ mit-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, se niżgura li naħdem għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki ambjentali kollha, filwaqt li naħdem mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza u nisfrutta r-riżorsi bħall-Koordinatur tad-DĠ Ambjent għall-Ugwaljanza u t-Task Force tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza. Se niżgura li l-impatt rilevanti speċifiku għall-ġeneru jkun analizzat fil-valutazzjonijiet tal-impatt u ninvolti ruħi mal-partijiet ikkonċernati dwar dawn il-kwistjonijiet. Dan se jinkludi li jitqies l-impatt soċjali tal-politiki ambjentali fuq in-nisa, b'mod partikolari fil-komunitajiet vulnerabbli, u li jkun żgurat li t-tranżizzjoni tagħna lejn is-sostenibbiltà ma tkabbarx l-inugwaljanzi eżistenti.

It-telf dejjiemi tal-kwalità ambjentali u tal-bijodiversità se jaffettwa l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh. U ż-żgħażaġh għandhom fehmiethom stess – xi drabi differenti – dwar l-aħjar approċċ għall-politiki ambjentali, ir-reżiljenza tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk ħerqana għall-ewwel Djalogu annwali tiegħi ta' Politika maż-Żgħażaġħ li lestanwettaq fl-ewwel nwettaq fl-ewwel mitt jum tal-mandat tiegħi. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nieħu interess partikolari li niltaqa' mar-rappreżentanti taż-żgħażaġh fl-UE u internazzjonali, inkluż minn organizzazzjonijiet ambjentali u bdiewa żgħażaġh. Dawn il-konsultazzjonijiet jgħinuni nifhem il-perspettiva taż-żgħażaġh meta jissawru l-politiki taħt ir-responsabbiltà tiegħi u meta nirrappreżenta lill-UE globalment.

Bħala Kummissarju nnominat li qed jitlob il-fiduċja tiegħek, nimpjenja ruħi li naderixxi mal-ogħla standards etiċi, li dejjem naġixxi f'konformità mat-Trattati u li nrispetta l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji. Matul il-Presidenza Żvediża tal-Kunsill, impenjajt ruħi bis-sħiħ li nkun medjatur onest u biex insib il-bażi komuni bejn l-Istati Membri. Bħala Kummissarju, ma nieħu struzzjonijiet mill-ebda Gvern jew entità oħra u niddedika ruħi kompletament għall-promozzjoni tal-interess Ewropew. Jekk tinqala' xi sitwazzjoni li twassal għal kunflitt ta' interess fil-qadi ta' dmirijiet, ninforma minnufih lill-President. Dawn l-impenji noħodhom bis-serjetà: bħala avukat imħarrġa, ex Membru tal-Kamra tal-Avukati Żvediża, kif ukoll Membru tal-Parlament u Ministru li ilha sservi, iddedikajt ħajti għas-servizz abbażi tal-prinċipji tal-integrità, tal-indipendenza u tal-imparzjalità.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lesta li tieħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizzjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizzjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Mit-twaqqif tagħha, saħħet l-Unjoni tagħna nbnet permezz tal-kooperazzjoni. Mingħajr kooperazzjoni bejn il-fruntieri nazzjonali, ir-reġjuni u l-konvinzjonijiet politiċi, is-suċċess tal-proġett Ewropew qatt ma seta' jittwettaq. Dan il-prinċipju ta' kooperazzjoni hu wkoll imnaqqax fir-relazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tagħna. Dan hu l-prinċipju li nwiegħed li nonora.

Bħala Membru tal-Parlament għal snin twal, ex Ministru għall-Affarijiet tal-UE, u Kummissarju aspiranti, konxja ħafna tal-importanza li ninvolti ruħi maċ-ċittadini li nittama li nservi. Bħala membru tal-Kulleġġ, u filwaqt li nrispetta l-proċeduri stabbiliti fit-Trattat, inqis lili nnifsi responsabbli lejn il-Membri eletti direttament tal-Parlament Ewropew. Hekk ħdimt fil-gvern u hekk kieku naħdem bħala Kummissarju.

Dan il-Parlament ripetutament wera tmexxija fit-tranżizzjoni sostenibbli tal-Ewropa. Talab azzjoni u riżultati ċari, u ta vuċi lil dawk iċ-ċittadini inkwetati li l-politiki tagħna xi drabi jkunu wisq kumplessi. Nixhdu jien stess, fil-mandat tiegħi bħala Ministru għall-Affarijiet tal-UE waqt il-Presidenza Żvediża tal-Kunsill, għaliex ipparteċipajt fi kważi ħamsin dibattitu plenarju. Dan tani għarfien imprezzabbli dwar l-aspirazzjonijiet u t-tħassib tal-Parlament

li għeni noħloq rabtiet bejn il-koleġiżlaturi. It-tranżazzjonijiet sostenibbli u ġusti jridu jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mal-Parlament biex niżguraw l-akbar appoġġ demokratiku u niggarrantixxu eżiti tal-politika tabilħaqq effettivi.

Inwiegħed li jekk niġi kkonfermata Kummissarju, inkompli dawn l-iskambji u naħdem biex insaħħaħ ir-relazzjoni speċjali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni f'konformità mal-impenji affermati mill-President fil-linji gwida politiċi tagħha, il-Ftehim Qafas tal-2010, u l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'hal Kummissarju, niżgura li r-relazzjonijiet kollha bejn il-Parlament u bejni u l-kabinet tiegħi jkunu bbażati fuq il-prinċipju tal-aċċess miftuħ, it-trasparenza, il-fiducia reċiproka, u l-iskambju regolari ta' informazzjoni, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni personali tiegħi fis-seduti ta' smiegħ tal-kumitati, id-dibattiti plenarji, u n-negozjati internazzjonali.

Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se nsegwi b'mod proattiv il-wegħda tal-President li l-Parlament jingħata rwol aktar b'saħħtu fit-tneġġja u t-tfassil tal-leġislazzjoni. Lesta niddiskuti kwalunkwe riżoluzzjoni mill-Parlament skont l-Artikolu 225 fl-ambitu tal-portafoll tiegħi bi djalogu strutturat u ddedikat mal-kumitat kompetenti, u jkollu rwol attiv fid-deliberazzjonijiet tal-Kummissjoni b'segwitu ta' dawn ir-riżoluzzjonijiet. Biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita s-sorveljanza demokratika tiegħu b'mod effettiv, nimpnja ruħi li nipprovdni l-informazzjoni meħtieġa dwar l-inizjattivi pjanati u l-proċeduri leġislattivi li jkunu għaddejjin b'mod ċar u f'waqtu, u fuq l-istess livell mal-Kunsill. Dawn l-impenji jwasslu wkoll għal segwitu rapidu u ċar tal-pożizzjonijiet u t-talbiet tal-Parlament għall-inizjattivi leġislattivi. U naturalment, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, se niżgura li l-Parlament ikun infurmat bis-sħiħ dwar l-impatt potenzjali soċjali, ambjentali u ekonomiku tal-leġislazzjoni proposta.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

3. X'passi konkreti se tiegħu fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma biex tindirizza l-effiċjenza, l-iskarsezza u t-tneġġis tal-ilma u r-riskju relatat mal-ilma? Kif se tqis l-ispeċifità tal-Istati Membri individwali, inkluża l-agrikoltura, u r-relazzjoni kritika bejn l-ilma u ekosistemi b'saħħithom, meta jitqiesu wkoll it-teknoloġiji disponibbli? X'miżuri biħsiebek tiegħu biex tikseb u żżomm standards tal-ilma ta' kwalità għolja, inkluż permezz tal-infurzar tal-qafas legali eżistenti?

L-ilma huwa kwistjoni globali li fuqha l-UE trid tkompli tkun fit-tmun. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, ir-reżiljenza tal-ilma, u l-iskarsezza tal-ilma huma sfidi ewlenin għall-futur tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. L-ilma huwa ta' benefiċċju għan-nies, għan-negozji, għall-agrikoltura, għall-infrastruttura, għall-enerġija, għan-navigazzjoni interna, kif ukoll għal ekosistemi sħaħ u għas-servizzi tal-ekosistema li jipprovdu. Madankollu, l-ilma diġà jinsab taħt pressjoni f'ħafna partijiet tal-Ewropa u globalment minħabba t-tibdil fil-klima, il-ġestjoni strutturali ħażina, l-użu mhux sostenibbli tal-art, il-bidliet idromorfoloġiċi, u t-tneġġis.

Ir-reġjuni u l-bliet tal-Ewropa qed jesperjenzaw dejjem aktar mewġiet ta' sħana letali, skarsezza tal-ilma u għarġar għal għarrieda. L-iżgurar ta' sistema ta' ġestjoni tal-ilma nadifa, effiċjenti u ċirkolari huwa kruċjali għaċ-ċittadini u għall-prospertà u l-kompetittività sostenibbli tal-UE fis-setturi ekonomiċi kollha (ara wkoll il-mistoqsija 8). L-iżgurar tal-aċċess għal ilma nadif għal kulħadd irid ikun parti ewlenija mill-aġenda ta' "tranżizzjoni ġusta".

Għalhekk, l-oġettiv ġenerali tal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma se jkun li jiġu ppreservati l-kwalità u l-kwantità tal-ilma fl-UE u lil hinn minnha, li jissaħħaħ il-vantaġġ innovattiv kompetittiv tal-industrija tal-ilma tagħna, u li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-isfidi tal-ilma, inkluż it-tneġġis, l-iskarsezza, u l-impatti tat-tibdil fil-klima. L-Istrateġija se tkun komplementari għall-Pjan Ewropew il-ġdid ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima, il-Mekkaniżmu Ewropew għad-Difiża Ċivili, u l-Patt Ewropew għall-Oċeani. Se naħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, il-Kummissarju għall-Preparatezza u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, u l-Kummissarju għas-Sajd u għall-Oċeani, biex niżgura approċċ konsistenti fl-inizjattivi kollha tagħna relatati mal-ilma. Is-sħubija u s-solidarjetà se jkunu kunċetti ewlenin f'dan il-kuntest.

L-approċċ komprensiv "mis-sors għall-baħar" huwa essenzjali għall-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma hekk matul iċ-ċiklu tal-ilma. Fi sħubija mal-Kummissarju għas-Sajd u għall-Oċeani, nimpnja ruħi li niżgura ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar u kostali tagħna, u b'hekk nistabbilixxi pedament robust għal Ekonomija Blu prospera.

L-approċċ tiegħi se jinkludi tliet elementi konkreti ewlenin, li jiffukaw fuq l-implimentazzjoni rigoruża tal-leġiżlazzjoni eżistenti, investimenti sinifikanti fl-infrastruttura tal-ilma u teknoloġiji rilevanti tal-industrija nadifa, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, meta jkun utli. Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se nagħti prijorità lill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ewlenija, fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u nipprovdni appoġġ imfassal apposta għall-Istati Membri, filwaqt li nindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi, anke fir-reġjuni. Jiena impenjata għal dan id-djalogu, iżda mhux se noqgħod lura milli nieħu azzjoni ta' infurzar f'każ ta' nuqqas ta' konformità strutturali. Fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' finanzjament, biħsiebni nikkoopera mal-Bank Ewropew tal-Investment u istituzzjonijiet finanzjarji u partijiet ikkonċernati oħra, biex niżviluppa soluzzjonijiet ta' finanzjament ġodda u nsaħħaħ l-investment kemm f' soluzzjonijiet ta' infrastruttura tradizzjonali kif ukoll dawk ibbażati fuq in-natura.

Filwaqt li jiena konxja tad-differenzi u l-isfidi reġjonali tagħna, se niżviluppa Strateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma li għandha tippromovi approċċ koeżiv għall-ġestjoni tal-ilma, imfassal għall-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru. Madwar l-UE, qed niffaċċjaw ħafna kwistjonijiet differenti relatati mal-ilma, inkluż l-iskarsezza tar-riżorsi tal-ilma minħabba perjodi estiżi ta' nixfa, avvenimenti katastrofiċi ta' għargħar, u d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-ilma kemm fl-ambjenti tal-ilma ħelu kif ukoll f'dawk tal-baħar. Dan kollu jġib miegħu spiża kbira għaċ-ċittadini u għall-kumpaniji tagħna. Filwaqt li dawn l-isfidi huma komuni madwar l-Unjoni, l-okkorrenza u s-severità tagħhom ivarjaw. F'kooperazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi, se nistinka biex nimmobilizza l-investment u nappoġġa riformi li jindirizzaw dawn l-isfidi relatati mal-ilma. L-għan tagħna jrid ikun li nippreservaw il-koeżjoni soċjali u territorjali u li nżidu r-reżiljenza tal-komunitajiet rurali u urbani madwar l-UE.

Jiena konxja mill-isfidi speċifiċi għas-settur agrikolu, li huwa affettwat ħafna mill-iskarsezza tal-ilma u mis-surplus, kif ukoll mid-deterjorament tal-kwalità tal-ilma. Nemmen li huwa kruċjali li jittieħdu miżuri speċifiċi biex jiġu appoġġati Prattiki agrikoli reżiljenti għall-ilma u jiġi indirizzat l-impatt negattiv tan-nutrijenti (inkluż in-nitrati) u tal-pestiċidi tax-xeba' fuq il-kwalità tal-ilma. Fi sħubija mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel, se nistinka biex ninkorpora r-reżiljenza tal-ilma fil-Viżjoni l-ġdida għall-Agricoltura u għall-Ikel.

Fl-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma, irrid ukoll nipromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ġodda billi niffaċilita l-aċċess għall-finanzi u nipromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, fosthom billi nerġġhu nużawh. Dan se jibni fuq il-vantaġġ innovattiv u l-għarfien espert eżistenti tas-settur tal-ilma tal-UE fl-infrastruttura tal-ilma, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, id-diġitalizzazzjoni, u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA).

Jiena impenjata li nipromwovi r-reżiljenza globali tal-ilma, u jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se ninvolvi ruħi fi djalogu u fi sħubijiet ma' pajjiżi terzi, speċjalment mal-Miġgħut Speċjali tan-NU dwar l-Ilma, bi ttejjija għall-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2026. L-iżgurar tal-aċċess għall-ilma sikur u għas-sanità u t-trawwim tal-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-ilma se jkunu prijorità ewlenija. L-appoġġ għal azzjoni multilaterali dwar l-ilma permezz ta' pjattaformi bħall-Konvenzjoni tal-UNECE jew il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni se jikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà globali.

4. X' miżuri konkreti biħsiebek tippreżenta bħala parti mill-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari biex toħloq domanda tas-suq għal materja prima sekondarja u tistabbilixxi suq uniku għall-iskart? Minbarra l-implimentazzjoni meħtieġa tal-leġiżlazzjoni eżistenti, dan l-Att se jmur lil hinn mir-reviżjoni tal-qafas attwali dwar l-iskart u l-prodotti sostenibbli? X' inhu l-effett mistenni fuq l-impronta ambjentali tal-Unjoni, l-użu tar-riżorsi u l-kompetittività tal-UE? Liema azzjonijiet settorjali speċifiċi – bħal pereżempju dwar il-materja prima kritika u t-tessuti – se tiegħu, anke fid-dawl tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi?

L-objettiv tat-tranżizzjoni ċirkolari huwa li titbiegħed minn approċċ lineari għal approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja għall-prodotti u l-materjali. Dan huwa kruċjali għat-tiħiħ tal-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika, filwaqt li nnaqqsu l-impronta ambjentali u d-dipendenza tagħna fuq ir-riżorsi primarji. L-approċċi ċirkolari se jottimizzaw il-produttività tar-riżorsi u l-użu ta' materjali sekondarji u għandhom ikunu integrali għall-Patt għal Industrija Nadifa.

L-estrazzjoni u l-ipproċessar tar-riżorsi jammontaw għal aktar minn nofs l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, porzjon sinifikanti tal-impatti relatati mas-saħħa, u l-maġġoranza tat-telf tal-biodiversità meta jitqies it-tibdil fl-użu tal-art. Ir-riżorsi jirrappreżentaw l-akbar spiża tal-input għall-industrija tal-manifattura Ewropea, u jrendu l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi kritiku għall-kompetittività. L-industrija tal-UE jiddependu fuq materja prima

kritika u strateġika, u s-sistemi ċirkolari huma mfassla biex ir-riżorsi jibqgħu jintużaw għall-itwal żmien possibbli, u b'hekk jillimitaw l-iskart u jnaqqsu d-dipendenzi esterni li jheddu l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna.

Fl-aħħar mandat saret ħidma sostanzjali biex jiġu introdotti inizjattivi ġodda u biex jiġu rieżaminati partijiet ewlenin ta' leġiżlazzjoni.

Fl-istess ħin, is-Suq Uniku għall-ekonomija ċirkolari għadu mhux realistika.

L-isfidi ewlenin għat-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari huma d-domanda relattivament baxxa għal materja prima sekondarja, għal prodotti ċirkolari u għas-servizzi, flimkien ma' suq uniku ineffettiv għall-iskart. Dan ġie enfazzjat fir-rapporti Letta u Draghi. Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, dawn huma wħud mill-oqsma li nixtieq nindirizza.

Sabiex tinkiseb ekonomija ċirkolari kompetittiva u jiġu massimizzati l-benefiċċji tas-Suq Uniku, huwa kruċjali li jiġu rettifikati l-ineffiċjenzi tas-suq (ara wkoll il-mistoqsija 9). Il-materja prima sekondarja spiss tkun aktar għalja mill-materjali verġni, li l-prezzijiet tagħhom tipikament ma jqsux l-impatt ambjentali tal-estrazzjoni u tal-ipproċessar tagħhom. Qabel ma nippreżenta l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, se nivvaluta bir-reqqa dawn l-isfidi u se nesplora soluzzjonijiet potenzjali permezz ta' djalogu estensiv mal-partijiet ikkonċernati, mal-awtoritajiet nazzjonali, u mal-komunità tan-negozju, dejjem bit-tir li tissaħħaħ il-kompetittività u li jiġu ssimplifikati l-proċessi. Dan se jinkludi strateġiji biex jiżied l-użu ta' materja prima sekondarja, u b'hekk titnaqqas l-impronta ambjentali, b'mod partikolari f'termini ta' impronti tal-konsumatur u tal-materjal, li jappoġġaw il-vantaġġ kompetittiv tal-industrija tagħna.

Nara potenzjal fi tliet elementi kostitwenti:

- L-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni komprensiva li l-Parlament u l-Kunsill approvaw fl-aħħar mandat. Din tinkludi l-monitoraġġ, it-twissija bikrija, u l-assistenza teknika, kif ukoll l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament.
- L-ingranaġġ tas-Suq Uniku, li jinvolvi armonizzazzjoni akbar u approċċi aktar effettivi għal kwistjonijiet bħall-kriterji tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u tat-Tmien tal-Istatus ta' Skart, kif ukoll ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni;
- It-tiżiħ tal-ekonomija tat-tranżizzjoni ċirkolari, u l-promozzjoni ta' prodotti u mudelli ta' negozju ċirkolari, inkluż fil-fluss ta' skart elettroniku li qed jikber malajr u li huwa rikk f'materjali kritiċi u materjali oħra ta' valur.

Irridu niftakru wkoll li l-UE taġixxi fis-swieq globali, u li l-politiki tagħna jħallu effett lil hinn mill-fruntieri tagħna. Għalhekk, jekk niġi kkonfermata, se naħdem flimkien mal-Kummissarji sħabi dwar id-dimensjoni esterna taċ-ċirkolarità. Irrid nikkoopera biex niżgura kundizzjonijiet ekwi, fosthom billi jiġi ssorveljat is-suq. Jeħtieġ ukoll li niddiversifikaw l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika u nipromwovu ċ-ċirkolarità permezz tas-Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa, sabiex inrawmu relazzjonijiet fit-tul u ta' benefiċċju reċiproku.

Biex niddetermina l-aktar strumenti effettivi u xierqa għall-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, irrid ninvolvi ruħi f'konsultazzjonijiet estensivi u nwettag valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi, filwaqt li nqis bir-reqqa l-artikolazzjoni tal-acquis attwali, l-implikazzjonijiet finanzjarji potenzjali, u l-piż amministrattiv. Filwaqt li kwalunkwe azzjoni potenzjali jeħtieġ li jkollha mira, nipprevedi li mmorru lil hinn mir-reviżjoni tal-qafas attwali meta dan ikun xieraq. Fost l-istrumenti li jista' jkollhom rwol importanti, insibu aktar armonizzazzjoni, miżuri mmirati speċifikament lejn il-fluss dejjem akbar ta' skart elettroniku, miżuri biex jitrawmu swieq ġodda permezz ta' miri ta' kontenut riċiklat, inċentivi ekonomiċi, u reviżjoni tal-politiki tal-akkwist pubbliku. Filwaqt li nirrikonoxxi n-natura diversa tal-materjali u l-isfidi uniċi tal-provvista u d-domanda tagħhom, mhux se nadotta approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd. Minflok, se nkompli nimplimenta l-istrateġiji u l-leġiżlazzjoni għall-plastik, il-batteriji, l-imballaġġ u t-tessuti, filwaqt li nindirizzaw l-isforzi tagħna għall-ispeċifitàjiet ta' kull settur.

Barra minn hekk, kif semmejt fl-ittra ta' missjoni tiegħi, jekk niġi kkonfermata Kummissarju, biħsiebni nippreżenta Strateġija ġdida dwar il-Bijoeconomija biex inħeġġeġ l-innovazzjoni, inwessa' l-produzzjoni sostenibbli tal-bijomaterjali, u nisfrutta s-sinerġiji mal-ekonomija ċirkolari (ara wkoll il-mistoqsija 7).

Se nisfrutta wkoll il-potenzjal tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli għall-ekonomija ċirkolari, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li niżgura li r-rekwiżiti tal-ekodisinn jiġu ssemplifikati, jkunu operazzjonali u effettivi (ara wkoll il-mistoqsija 9).

B'mod kumplessiv, l-oġġettiv tiegħi huwa li nħejji Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jpoġġi l-impronta ambjentali tal-Unjoni fuq perkors ta' tnaqqis sostnut filwaqt li nsahha il-kompetittività tal-UE u nrawwem l-awtonomija strateġika miftuħa tagħna.

5. Kif se timplimenta l-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero biex tiżgura li s-setturi kollha jiġu indirizzati kif xieraq fejn meħtieġ, u tipprevedi xi miżuri addizzjonali? Meta se tippreżenta proposta għal reviżjoni tar-Regolament REACH li tiżgura s-simplifikazzjoni filwaqt li tiggarrantixxi protezzjoni msaħħa tas-saħħa u tal-ambjent u industrija kompetittiva? X'inhu l-pjan tiegħek dwar il-PFAS biex jitnaqqas l-esponiment tal-bniedem u tal-ambjent għalihom filwaqt li jiġi żgurat qafas ċar u fattibbli għall-industrija billi jitqiesu l-użi essenzjali?

L-ilma u l-arja nodfa huma drittijiet bażiċi li huma ta' benefiċċju għal kulħadd. Il-miżuri skont il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tal-2021 issa tlestew jew avvanzaw sew, inkluż leġislazzjoni riveduta, imsaħħa u aġġornata li tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew dwar il-kwalità tal-arja, is-sustanzi niġġiesa tal-ilma, it-trattament tal-ilma mormi urban, l-emissjonijiet industrijali, il-merkurju u t-tikkettar u l-imballaġġ tal-klassifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi dannużi. F'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President elett, il-prijorità għas-snin li ġejjin se tkun l-implimentazzjoni u l-appoġġ lill-Istati Membri, inkluż ir-reġjuni u l-ibliet, biex iwettqu dawn il-miżuri ġodda, għall-benefiċċju tan-nies, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll tal-kumpaniji.

Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se nipprovi ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-progress fil-miri tagħna ta' tniġġis żero għall-2030. Il-passi ewlenin li jonqosna jinkludu l-finalizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet li għaddejjin bħalissa tal-leġislazzjoni dwar in-nitrati, il-qafas tal-istrateġija tal-baħar, u l-ilma għall-għawm, kif ukoll il-kontroll tal-idoneità fuq il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas. L-Istrateġija ppjanata għar-Reżiljenza tal-Ilma wkoll se tkun importanti f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, il-linji gwida politiċi tal-President elett jeżiġu pakkett għall-industrija tas-sustanzi kimiċi bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa. Dan il-pakkett għandu jsahha l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi, inkluż għall-bejgħ online, bil-ħsieb li tinżamm u tiġi appoġġata l-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpaniji sostenibbli tal-UE globalment. Barra minn hekk, għandu jipprovi appoġġ akbar lill-industrija tas-sustanzi kimiċi, u b'mod partikolari lill-SMEs, fit-tranżizzjoni tagħhom lejn alternattivi aktar sikuri. Nimpenja ruħi li flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u għall-Istrateġija Industrijali, inħejji pakkett għall-industrija tas-sustanzi kimiċi li jinkludi proposta leġislattiva għar-reviżjoni tar-REACH fl-2025 (ara wkoll il-mistoqsija 8). Irrid li r-reviżjoni tar-Regolament REACH tissimplifika u timmodernizza l-qafas regolatorju biex jżiedu l-kompetittività u s-sigurtà sostenibbli fl-UE, u tiġi żgurata l-protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u tal-ambjent. Irrid nagħmel rieżami tas-sistema doppja ta' awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet, sabiex titnaqqas b'mod sostanzjali l-ħtieġa għal awtorizzazzjonijiet individwali ta' użi ta' sustanzi perikolużi, kif ukoll biex jittejjb r-rekwiżiti ta' informazzjoni f'oqsma ewlenin bħall-interferenti endokrinali. Dan se jneħħi l-lakuni fl-informazzjoni u jtejjeb il-kontroll tar-riskju.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2024 dwar "użu essenzjali" tirrikonoxxi li hemm applikazzjonijiet industrijali sinifikanti ta' sustanzi dannużi, inkluż il-PFAS, li huma kruċjali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tagħna. Il-proposta attwali biex il-PFAS jiġu ristretti f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet għall-konsumatur u industrijali għandha tipprovi aktar ċarezza u prevedibbiltà mill-aktar fis possibbli. Diġà nista' nindika li se nkun qed nipprojbixxi l-użu tal-PFAS fl-użu tal-konsumatur, bħal fil-prodotti kożmetiċi, fil-materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel u fl-ilbies ta' barra. Meta ma jkunux disponibbli alternattivi adegwati f'termini ta' prestazzjoni u sikurezza, se nkun qed nappoġġa l-użu kontinwu tal-PFAS f'applikazzjonijiet industrijali, b'mod partikolari dawk kritiċi, f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod strett sakemm jinstabu sostituti aċċettabbli, akkumpanjati minn regoli stretti dwar l-emissjonijiet u r-rimi biex jiġi limitat ir-rilaxx tagħhom fl-ambjent, u inċentivi ċari għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' sostituti sostenibbli.

6. Timpenja ruħek favur l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ u f'waqthom tal-leġislazzjonijiet eżistenti relatati man-natura, u li tilħaq l-impenji internazzjonali tal-UE? Kif se tiżgura li jkun hemm livell adegwat ta'

finanzjament disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki, inkluż Fond għar-Restawr tan-Natura ddedikat possibbli fil-QFP li jmiss? Kif tipprevedi l-iżvilupp ta' qafas għall-krediti tan-natura?

Nimpenja ruħi favur l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ u f'waqthom tal-leġiżlazzjoni kollha relatata man-natura u li nilqa' l-**impenji internazzjonali tal-UE dwar il-bijodiversità**, b'mod partikolari skont il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Ekosistemi b'saħħithom jipprovdu diversi benefiċċji għan-nies u għas-soċjetajiet tagħna, inkluż il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament, il-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri, is-sigurtà tal-ikel, is-sigurtà tal-ilma, u diversi servizzi oħra tal-ekosistema. Dan huwa kruċjali għall-benesseri tas-soċjetà tagħna u r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna, kif ukoll għall-kompetittività fit-tul tagħna.

Filwaqt li l-mira tal-protezzjoni legali ta' 30 % taż-żona tal-art tagħna tidher li tista' tintlaħaq, l-istess mira għall-ibħra tagħna teħtieġ aktar sforz. Barra minn hekk, irridu niżguraw li ż-żoni protetti kollha jiġu ġestiti u ppreservati b'mod effettiv biex joffru l-benefiċċji kollha lis-soċjetà, lill-ekonomija tagħna u naturalment lin-natura nnifisha.

L-acquis b'rabta man-natura, inkluż l-hekk imsejnin Direttivi dwar in-Natura u r-Regolament il-ġdid dwar ir-Restawr tan-Natura huma għodod b'saħħithom iżda flessibbli biex jgħinu fil-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi, jissalvagwardjaw is-servizzi ewlenin tal-ekosistema, u jżidu r-reżiljenza tal-Ewropa. B'hekk, jikkontribwixxu wkoll għall-kompetittività tagħna. L-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tagħhom huma meħtieġa wkoll għat-twertiq tal-impenji internazzjonali tal-UE, li se jkunu fost il-prijoritajiet ewlenin tiegħi jekk niġi kkonfermata Kummissarju.

Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se niffoka fuq l-implimentazzjoni, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha u nuża l-għodod disponibbli kollha, inkluż l-assistenza teknika, il-bini tal-kapaċità, l-iżguraw tal-konformità, u l-infurzar. Irrid ukoll ninvolvi ruħi mar-reġjuni biex niddiskuti l-isfidi speċifiċi tagħhom. Nimpenja ruħi li nissimplifika l-affarijiet, se nimmira li ntaffi l-piżijiet amministrattivi bla bżonn u li ntejjeb il-konsistenza u s-sinerġiji bejn il-politiki differenti kull meta jkun possibbli mingħajr ma ndgħajjef l-oġettivi tal-politiki tagħna.

Nemmen li jeħtieġ li ninroduċu u nisfruttaw minnufih il-potenzjal sħiħ tal-għodod diġitali. B'mod partikolari, it-teknoloġiji ta' osservazzjoni tad-Dinja se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-azzjoni ta' infurzar filwaqt li jtaffu l-piż fuq il-partijiet ikkonċernati.

It-tiżiħ tal-investimenti pożittivi għan-natura huwa kruċjali biex tissawwar ekonomija reżiljenti u kompetittiva. Jekk ninvestu fin-natura, mhux biss inkunu qed nindirizzaw l-isfidi ambjentali iżda noħolqu wkoll opportunitajiet ġodda għan-nies, għan-negozji u għall-ħolqien tal-impjiegi fis-setturi emerġenti. Se jkun hemm bżonn finanzjament pubbliku u privat adegwat għan-natura.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali diġà jipprovdi diversi opportunitajiet ta' finanzjament għan-natura, u jeħtieġ li jintuża l-potenzjal kollu tagħhom. Kif stabbilit fil-Linji Gwida Politiċi tal-President elett, għandna bżonn approċċ ġdid għal baġit modern u msaħħaħ għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Irridu nimmiraw għal baġit fit-tul ġdid li jkun aktar iffukat, aktar simplifikat u li jħalli aktar impatt filwaqt li jirrifletti l-prijoritajiet strateġiċi Ewropej u l-ambizzjoni tagħna li nkunu Kummissjoni tal-Investment. Nimpenja ruħi li nivvaluta kif nistgħu nikkontribwixxu bl-aħjar mod għar-restawr tan-natura minn varjetà ta' sorsi, u kif noħolqu inċentivi biex nippremjaw lill-bdiewa u lil manijers oħra tal-art li qed jaħdmu man-natura b'mod rispettuż. Se naħdem dwar dan flimkien mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel u l-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda Kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika. Hemm bżonn li r-riflessjoni tagħna tibda b'"dak li rridu niffinanzjaw" biex imbagħad naraw "kif" nistgħu nwettqu bl-aħjar mod l-oġettivi tagħna u nimmassimizzaw ir-riżultati fil-prattika. B'hekk il-finanzjament tagħna jista' jkollu impatt ikbar.

Minħabba l-ħtieġa urġenti għal finanzjament addizzjonali u l-opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti li jippreżenta, jekk niġi kkonfermata Kummissarju, l-intenzjoni tiegħi se tkun li nesplora l-istabbiliment u l-introduzzjoni ta' inċentivi bbażati fuq is-suq, bħala komplement għall-finanzjament pubbliku. Dawn jinkludu ċertifikati u krediti tan-natura, imfassla biex jippremjaw finanzjarjament lil dawk li jagħmlu użu minn Prattiki Sostenibbli. Inċentivi bħal dawn jistgħu jħeġġu wkoll lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni biex jinvestu aktar f'ekosistemi robusti, jassistu lin-negozji fl-ingranaġġ tas-servizzi tal-ekosistema, u jippromwovu l-iżvilupp ta' prodotti ekoloġiċi. Jekk niġi kkonfermata, biħsiebni ninvolvi ruħi fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u niżviluppa aktar il-ħidma fuq skemi pilota għaċ-ċertifikazzjoni tal-bijodiversità u l-krediti tan-natura, filwaqt li nsaħħaħ l-isforzi nazzjonali

attwali. Dawn l-iskemi għandhom jaderixxu ma' kriterji ta' kwalità stretti, konsistenti mal-oġġettivi Ewropej u internazzjonali tal-bijodiversità.

7. L-Istrateġija aġġornata dwar il-bijoeconomija kif se tisfrutta l-potenzjal tal-bijoeconomija Ewropea b'mod sostenibbli u f'koerenza mal-oġġettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku? X'azzjonijiet tanġibbli se tiegħu biex tuża strateġija bbażata fuq ix-xjenza li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kompetittività ekonomika tal-UE, filwaqt li tirrispetta r-riżorsi ambjentali u naturali?

Is-settur tal-bijoeconomija tal-UE li qed jikber joffri soluzzjonijiet alternattivi u innovattivi li jkopru firxa wiesgħa ta' setturi, inkluż l-agrikoltura, l-ikel, il-kostruzzjoni, il-materjali bħall-plastik u t-tessuti, is-sustanzi kimiċi, u t-trasport, u jipprovdi ħafna opportunitajiet interessanti għaċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE. Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, biħsiebni nesplora l-potenzjal sħiħ tas-setturi tal-bijoeconomija li qed jikbru. Nemmen li l-bijoeconomija tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kompetittività u l-prosperità, bħala komplement importanti għaċ-ċirkolarità u parti importanti mill-Patt għal Industrija Nadifa tal-UE. Se nippreżenta Strateġija ġdida dwar il-Bijoeconomija f'konformità mal-impenn tal-President li jżomm il-Patt Ekoloġiku Ewropew fit-triq it-tajba li qabad. Inqis l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija bħala element ewlieni fl-aġenda tal-UE dwar il-kompetittività sostenibbli u l-politiki industrijali, b'rabtiet mal-Att dwar il-Bijoteknoloġija, l-Istrateġija għax-Xjenzi tal-Ħajja u l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Bħala parti mit-tisħiħ tal-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija, hemm bżonn li nappoġġaw u nippermettu investimenti ewlenin f'teknoloġiji, setturi, prodotti u materjali li jistgħu jgħinu biex tiżdied il-bijoeconomija. Iċ-ċirkolarità se tkun tema ċentrali, li tiżgura li l-bijoeconomija tnaqqas il-pressjoni fuq l-ambjent, tipproteġi l-bijodiversità, u ssaħħaħ il-firxa sħiħa ta' servizzi tal-ekosistema. Dan jinvolvi t-trawwim tal-użu strateġiku tal-bijomassa u ż-żamma tal-bijomassa fl-ekonomija għall-itwal żmien possibbli qabel l-użu tagħha għall-produzzjoni tal-enerġija, il-massimizzazzjoni tal-użu ta' materja prima sekondarja (bħall-iskart tal-ikel u tal-biedja, il-prodotti sekondarji, u l-flussi sekondarji).

Nemmen li l-approċċ tagħna jeħtieġ jirrikonoxxi li l-bijomassa hija rinnovabbli, iżda mhux infinita. Fi żmien l-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni għall-bijomassa, huwa kruċjali li nimmaniġġjaw il-pressjoni fuq l-art u l-bijomassa f'konformità mal-impenni internazzjonali tal-UE, inkluż il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Dan jiddependi mill-forniment sostenibbli tal-materja prima u l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-użu kaskata, filwaqt li jiġi żgurat li l-bijomassa tintuża għall-valur ekonomiku u ambjentali massimu tagħha. Jekk niffukaw fuq materja prima sottovalutata li taderixxi mal-prinċipji tas-sostenibbiltà u taċ-ċirkolarità, nistgħu nisfruttaw il-potenzjal tal-bijoenġerġija sostenibbli, b'mod partikolari f'setturi bħall-avjazzjoni li x'aktarx se jiddependu fuq fjuwils likwidi għall-futur prevedibbli.

Sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, l-Istrateġija għandha tidentifika sett ta' setturi u prodotti tal-bijoeconomija li fuqhom l-UE għandha tikkonċentra bħala prijorità, u tistabbilixxi perkorsi biex tappoġġa l-espansjoni tagħhom u ssaħħaħ in-negozji li qed jinvolvu ruħhom f'dawn is-setturi. Hemm bżonn inqisu li, f'ħafna każijiet, il-prodotti b'bażi bijoloġika bħalissa mhumiex kompetittivi f'termini ta' spejjeż meta mqabbla ma' alternattivi fossili. L-istrumenti possibbli biex in-negozji sostenibbli jissaħħu u jittejbulhom il-kundizzjonijiet għaċ-ċaqliq "mil-laboratorju għall-fabbrikazzjoni" jistgħu jinkludu l-ekotikkettar, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri regolatorji, l-inċentivar ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika permezz tal-akkwist pubbliku, l-istabbiliment ta' standards rilevanti tal-industrija, u potenzjalment l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' kontenut b'bażi bijoloġika għall-għażla tal-kategoriji ta' prodotti wara kunsiderazzjoni bir-reqqa u djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, biħsiebni niżviluppa l-Istrateġija fi djalogu inklużiv u miftuħ mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati tal-UE. Nimpenja ruħi li ninfed l-istrateġija bl-aħħar żviluppi xjentifiċi, filwaqt li nibni fuq ir-riżultati, l-għarfien u r-riċerka disponibbli mill-aħħar aġġornament tal-istrateġija fl-2018, inkluż l-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika ta' EUR 2 biljun fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Aħna u nħarsu 'l quddiem, jeħtieġ ukoll li nidentifikaw fejn huma meħtieġa investimenti ewlenin fit-teknoloġiji, fis-setturi, fil-prodotti jew fil-materjali li se jixprunaw iż-żieda fil-bijoeconomija, filwaqt li nnaqqsu d-distakk fil-bijomassa, b'mod partikolari billi nappoġġaw il-forniment sostenibbli, nimmassimizzaw l-użu ta' materja prima sekondarja bħall-iskart tal-ikel u tal-biedja, u nżommu l-bijomaterjali f'applikazzjonijiet materjali kemm jista' jkun fit-tul.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

8. Kif qed tippjana li tikkontribwixxi għall-Patt għal Industrija Nadifa? F'dak ir-rigward, x'miżuri tipprevedi għall-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-materja prima kritika? Kif qed tippjana li tmexxi 'l quddiem l-ambizzjoni ta' tniġġis żero u x'miżuri taħseb li għandhom jiġu inklużi fil-pakkett il-ġdid għall-industrija tas-sustanzi kimiċi? F'dan il-kuntest, għandek xi pjanijiet speċifiċi għall-PFAS? X'miżuri biħsiebek tressaq fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma fir-rigward tas-setturi tal-enerġija, industrijali u diġitali? Kif għandek l-għan li tkompli tiżviluppa l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida?

Il-Patt għal Industrija Nadifa se jstabilixxi kif se nappoġġaw il-kompetittività, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tagħna filwaqt li niksbu n-newtralità klimatika. L-għan huwa li tissaħħaħ il-kompetittività industrijali filwaqt li jsir użu sħiħ minn ekonomija nadifa u ċirkolari biex tgħin fit-tnaqqis tat-tniġġis, it-tnaqqis tar-riżorsi u t-telf tal-bijodiversità. Se naqdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, il-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali u l-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, dwar il-Patt għal Industrija Nadifa bl-għan li nipprovdni perkors għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkolari u nadifa. L-approċċi ċirkolari se jottimizaw il-produttività tar-riżorsi u l-użu ta' materjali sekondarji u għandhom ikunu integrati għall-Patt għal Industrija Nadifa.

Irrid li l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari jiffoka fuq l-ostakli li fadal għat-tranżizzjoni ċirkolari. Ir-rapporti Letta u Draghi identifikaw dawn bħala n-nuqqas ta' suq uniku ċirkolari effettiv għall-iskart, il-materjali sekondarji u l-prodotti sostenibbli, id-domanda baxxa għal materja prima sekondarja u l-prezzijiet għall-materjali verġni li ma jirriflettux l-esternalitajiet tagħhom. Il-valutazzjoni tal-impatt għall-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari għalhekk se teżamina l-isfidi marbuta mad-domanda u mal-provvista ta' materja prima sekondarja. Beħsiebni wkoll ninvolvi ruħi mal-partijiet ikkonċernati dwar din il-kwistjoni. Il-miżuri speċifiċi se jiddependu fuq din il-valutazzjoni u fuq l-inputs tal-partijiet ikkonċernati. Fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti se tkun ukoll kruċjali biex l-ekonomija ċirkolari tirnexxi. Fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 4, niddekrivi l-elementi kostitwenti possibbli li għandhom jiġu kkunsidrati. Fit-tfassil ta' dawn l-elementi kostitwenti, irrid nissimplifika ħajjet il-kumpaniji involuti fl-ekonomija ċirkolari kull meta jkun possibbli. Waħda mill-kwistjonijiet li għandha tiġi kkunsidrata f'dan ir-rigward hija li l-produtturi ta' materja prima sekondarja għandhom ikunu jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom fis-Suq Uniku kollu mingħajr ma jiffaċċjaw regoli differenti f'kull Stat Membru.

L-approċċi ċirkolari se jkun essenzjali biex jintlaħaq il-parametru referenzjarju tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika ta' 25 % materja prima strateġika riċiklata sal-2030. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiżguraw ukoll li l-prodotti li jkun fihom materja prima kritika jkun ddisinjati biex iservu għal żmien twil, jistgħu jissewew u jkun riċiklabbli. Il-materja prima mhux "kritika" wkoll toħloq sfidi għall-manifatturi. Ħafna (l-azzar, is-siment, il-plastik, il-bijomaterjali, eċċ.) għandhom impronta tal-karbonju sinifikanti u ħafna negozji tal-UE jiddependu fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, u jagħmluhom vulnerabbli għall-volatilità tal-prezzijiet u għan-nuqqasijiet fil-provvista, u jrendu l-UE aktar vulnerabbli mil-lat ta' awtonomija strateġika.

Kif diġà spjegajt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 5, il-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tal-2021 issa tlestew jew avvanzaw sew. F'konformità mal-linji gwida politiki tal-President elett, il-prijorità għas-sinjura li ġejjin se tkun l-implimentazzjoni u l-appoġġ lill-Istati Membri, inkluż ir-reġjuni u l-komunitajiet rurali u urbani, biex jiżguraw li l-miżuri jkun effettivi u jwasslu r-riżultati previsti tagħhom.

Il-linji gwida politiki tal-President elett jeżiġu pakkett għall-industrija tas-sustanzi kimiċi bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa. Nimpenja ruħi li flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali, inħejji proposta leġislattiva li tirrevedi r-Regolament REACH fl-2025, kif diġà semmejt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 5, bl-għan li jiġi ssimplifikat u mmodernizzat il-qafas regolatorju biex jiżdedu l-kompetittività u s-sigurtà sostenibbli fl-UE u tiġi żgurata l-protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u tal-ambjent.

Il-kontaminazzjoni tal-PFAS tal-ħamrija u tal-ilma hija ta' theddida għal saħħet il-bniedem u għall-ambjent u timplika spejjeż soċjetali u ekonomiċi sinifikanti. Fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 5, nispejga kif biħsiebni nindirizza r-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-PFAS li japplikaw biex ikun permess l-użu tagħhom.

Fil-mistoqsija 3 spjegajt fid-dettall il-pjanijiet tiegħi għall-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma. Il-promozzjoni ta' ċirkolarità u tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma se tkun parti importanti minn dik l-Istrateġija. Nimpenja ruħi li nfittex li nrawwem opportunitajiet ġodda tas-suq għall-industrija tal-ilma tal-UE li diġà hija kompetittiva ħafna. 40 % tal-privattivi globali li jappartjenu għall-ġestjoni tal-ilma huma Ewropej u konvinta mill-potenzjal tal-kumpaniji tagħna f'dan is-settur.

Jekk niġi kkonfermata, se nipromwovi l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (New European Bauhaus, NEB) bħala katalizzatur kontinwu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Nemmen li l-NEB tista' trendi ċ-ċirkolarità tanġibbli għaċ-ċittadini, għar-riċerkaturi u għan-negozji permezz ta' proġetti speċifiċi fil-prattika madwar l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom. Beħsiebni nibni fuq is-suċċess miksub s'issa u nuża l-faċilitajiet ta' finanzjament biex inrawwem ir-riċerka, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni tal-proġetti f'konformità mal-ispirtu tal-Bauhaus u t-tliet valuri ewlenin tiegħu: is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika. L-għan huwa li jiżiedu l-viżibbiltà u l-parteeċipazzjoni soċjali tat-tranżizzjoni nadifa u ġusta, abbażi tal-involviment tal-Komunità tal-Bauhaus u l-perspettiva ċċentrata fuq in-nies. Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi, mal-Kummissarju għan-Negozji Ġodda, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni.

Mistoqsija mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

9. Fl-ittra ta' missjoni, il-President tal-Kummissjoni Ewropea talbitek tmexxi, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u għall-Istrateġija Industrijali, Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari sabiex jiġi stabbilit suq uniku għall-iskart u jissaħħu l-isforzi tiegħek biex jiġi żvilupp suq uniku għal prodotti sostenibbli. X'inhil l-viżjoni tiegħek u x'inhuma l-azzjonijiet speċifiċi, inklużi l-miżuri leġiżlattivi, li se ssewgi fis-snin li għejjin biex jintlaħqu dawn l-oġettivi?

Irrid li l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari jiffoka fuq l-ostakli li fadal għat-tranżizzjoni ċirkolari. Dawn l-ostakli, jinkludu n-nuqqas ta' Suq Uniku ċirkolari effettiv għall-iskart, il-materjali sekondarji u l-prodotti sostenibbli; id-domanda baxxa għal materja prima sekondarja; u l-fatt li l-prezzijiet għall-materjali verġni ma jirriflettux l-esternalitajiet tagħhom.

Għalhekk, bħala parti mill-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, irrid nipproponi miżuri min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista filwaqt li nissimplifika l-qafas regolatorju, kif imsemmi wkoll fir-rapporti Letta u Draghi. Il-miżuri speċifiċi kollha se jissewju fuq valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi u fehmiel tal-partijiet ikkonċernati. Fit-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet 4 u 8 diġà spjegajt il-viżjoni tiegħi u ddeskrivejt l-azzjonijiet li biħsiebni nieħu.

Mhux se nadotta approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd, peress li materjali differenti huma soġġetti għal sfidi differenti fuq in-naħa tal-provvista u tad-domanda. Kwalunkwe azzjoni biex jittejeb is-suq tar-riżorsi sekondarji se tirrifletti l-fatt li s-swieq għal prodotti differenti (pereżempju l-plastik, it-tessuti, il-metalli, il-bijomaterjali u l-minerali mhux metalliċi) għandhom il-karatteristiċi proprji tagħhom. Nipprevedi Suq Uniku għal prodotti sostenibbli li jsaħħaħ il-kompetittività u joffri lill-konsumaturi prodotti li jservu għal żmien twil, li jistgħu jissewew u li għandhom prestazzjoni għolja. Dan is-suq jiżgura kundizzjonijiet ġusti u konsistenti għall-produtturi madwar l-Ewropa. Billi nrawmu l-oportunitajiet għar-riċiklaturi, dawk li jimmanifatturaw mill-ġdid, dawk li jsewew, u r-rinnovaturi, se nkunu qed nimmiraw li niġġeneraw impjegi ġodda f'firxa ta' livelli ta' ħiliet u f'kull Stat Membru, u b'hekk nixprunaw it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà.

Jekk niġi kkonfermata Kummissarju, se nikkoordina l-ħidma lejn l-adozzjoni tal-ewwel Pjan ta' Ħidma tar-Regolament dwar l-Ekodiġinn għal Prodotti Sostenibbli fl-ewwel sena tal-mandat. Dan il-pjan se jidentifika kategoriji ta' prodotti ewlenin għall-applikazzjoni ta' kriterji ġodda tal-ekodiġinn, li jikkonċentraw fuq prodotti għall-konsumatur u industrijali b'impatt għoli. Inwiegħed li nibbaża dawn l-istandards il-ġodda fuq proċess ta' konsultazzjoni trasparenti u parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati permezz tal-Forum dwar l-Ekodiġinn. L-għan tiegħi huwa li nistabbilixxi rekwiżiti li jestendu ċ-ċiklu tal-ħajja tal-materjali u tal-prodotti fl-ekonomija tal-UE, filwaqt li nnaqqsu wkoll l-ispejjeż u l-isforzi amministrattivi kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-Suq Uniku għall-iskart, diġà ħadna passi biex nindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq tal-UE billi neliminaw id-differenzi fit-traspożizzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart. Madankollu, is-Suq Uniku għall-iskart u għar-riżorsi sekondarji għadu jiffunzjona b'mod imperfett. Hemm bżonn li neliminaw l-ostakli li fadal. Pereżempju, approċċi armonizzati għall-kriterji ta' Tmim tal-Istatus ta' Skart u għar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur jistgħu jkomplu jsaħħu s-suq uniku għall-iskart u l-materja prima sekondarja li tirriżulta.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

10. L-agrikoltura u l-forestrija huma l-akbar utenti tal-art fl-UE u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità. Kummissarju nnominat, kif biħsiebek tibbilanċja l-obbjettivi tal-protezzjoni tal-bijodiversità u l-preservazzjoni tan-natura minn naħa waħda u ż-żamma tal-produzzjoni agrikola u l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u l-użu sostenibbli tal-bijomassa min-naħa l-oħra? Kif qed tippjana li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma agrikolu sabiex ittejjeb il-produzzjoni agrikola? X'inhuma l-ideat tiegħek biex jikkontribwixxu għall-Viżjoni dwar l-Ikel u l-Agricoltura? Kif se tiżgura li s-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija jiġu integrati fl-istrateġija dwar il-bijoeconomija?

Id-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-Agricoltura fl-UE serva bħala orjentazzjoni importanti għal azzjoni biex jinħolqu sistemi agroalimentari soċjalment responsabbli, ekonomikament profittabbli u ambjentalment sostenibbli. Jekk niġi kkonfermata, biħsiebni naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel u nibni fuq il-ħidma tad-Djalogu Strateġiku biex niżgura li s-settur agrikolu tal-UE jibqa' kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli.

Il-bdiewa u l-forestiera huma maniġers importanti tal-art b'konnessjoni profonda mal-ambjent naturali. Dawn jiddependu fuq ħamrija b'saħħitha, ilma u arja nodfa, kif ukoll bijodiversità rikka, u jaqdu rwol indispensabbli fil-kura tagħhom biex b'hekk ikunu jistgħu jipproduċu ikel essenzzjali, sikur u ta' kwalità għolja għalina lkoll. L-art agrikola taġixxi wkoll bħala bir tal-karbonju, u toffri riżorsi rinnovabbli għas-setturi tal-bijoeconomija, bħall-bijomassa għall-industrija u l-enerġija. Il-bdiewa u l-forestiera huma konxji ħafna tal-impatt li n-nixfiet, l-għargħar, in-nirien fis-selvaġġ, l-iskarsezza tal-ilma u t-telf tal-bijodiversità jista' jkollhom fuq l-għajxien tagħhom. Dan jinkludi tnaqqis fil-protezzjoni tal-ikel u riskji akbar ta' pesti tal-pjanti u mard tal-annimali. Il-kompetizzjoni intensifikata għar-riżorsi u l-art tista' twassal ukoll għal spejjeż soċjali u ekonomiċi oġġla fit-tul. Jekk naġixxu flimkien, ninsab konvinta li nistgħu nreġġgħu lura t-tnaqqis fil-bijodiversità u d-deterjorament tal-kwalità tal-ilma permezz tal-implimentazzjoni ta' prattiki agrikoli sostenibbli.

Għandna bżonn niżguraw li l-bdiewa u l-forestiera jkollhom introjtu attraenti u stabbli li jirrifletti r-rwol kruċjali tagħhom fil-kisba tar-riżultati għan-natura, ir-riġenerazzjoni tal-ħamrija, il-preservazzjoni tal-ilma u l-arja nodfa. It-titjib fil-ġestjoni tan-nutrijenti u tal-pestiċidi huwa parti mis-soluzzjoni biex jitnaqqas it-tniġġis u tiġi ppreservata l-kwalità tal-ħamrija, filwaqt li jiġi żgurati li l-biedja tibqa' kompetittiva u titħaddem fil-limiti planetarji. Konxja tal-isfidi, iżda nimpenja ruħi li naħdem għal eżitu bilanċjat, għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Hemm bżonn ukoll li nintegraw aħjar il-produtturi primarji fil-katina tal-valur tal-bijoeconomija u nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħha. Fil-ħidma tiegħi dwar il-preżentazzjoni ta' Strateġija ġdida tal-UE dwar il-Bijoeconomija, biħsiebni nikkonsulta u ninvolvi ruħi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż il-bdiewa u l-forestiera, biex niżgura li jitqiesu l-perspettivi u l-ħtiġijiet tagħhom (ara l-mistoqsija 7).

Il-bdiewa jirċievu l-għajxien tagħhom minn dak li jipproduċu. Huwa settur diffiċli li jiddependi mill-kundizzjonijiet tat-temp u mill-prezzijiet tas-suq li qed jinbidlu. Jekk irridu li l-bdiewa jibdeu jużaw prattiki li huma ambjentalment aktar sostenibbli, hemm bżonn li nkomplu nitgħallmu minn dak li esprimew il-bdiewa f'dawn l-aħħar xhur sabiex infasslu u nużaw approċċ ġdid biex niksbu r-riżultati għas-sostenibbiltà, nappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni u nippreservaw il-bijodiversità. Nemmen bis-sħiħ f'ħidma li tinċentiva u tippremja b'mod pożittiv bħall-pagament għas-servizzi tal-ekosistema biex jiġu promossi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tas-servizzi tal-ekosistema. Jekk inkun ikkonfermata, se niprijoritizza t-tfassil ta' azzjonijiet pożittivi għan-natura u investimenti privati, bħala komplement għall-finanzjament pubbliku, fosthom l-aċċellerazzjoni tal-ħidma fuq il-krediti tan-natura f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż l-Istati Membri, is-sħab internazzjonali u l-organizzazzjonijiet.

Iż-żewġ proposti leġiżlattivi pendenti dwar il-monitoraġġ tal-foresti u tal-ħamrija għandhom jiżguraw titjib fil-monitoraġġ u ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Jekk niġi kkonfermata, nistenna bil-ħerqa li ninvolvi ruħi mal-Parlament Ewropew dwar dawn il-kwistjonijiet. Konvinta li hemm bżonn li naħdmu għal inċentivi biex nistabbilixxu l-qafas it-tajjeb ħalli l-forestiera jippromwovu foresti reżiljenti li jikkontribwixxu għall-bijodiversità, għall-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima u għall-bijoeconomija, u neħtieġu li nirrikonoxxu l-isforzi eżistenti ta' sostenibbiltà. L-għan tiegħi se jkun li niffaċilita u nistimola l-involvement ta' finanzjament privat f'dan il-kuntest.

